MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**CASSAR JOSEPH LL.D.**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2002

Numru 27/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur Jeffrey Cilia /
Spettur Raymond D'Anastasi)

**Vs**

**Mario Sant**
**Domenic Sant**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Mario Sant u Josephine nee' Cutajar, imwieled Pieta' fit-18 ta' Mejju 1977, u residenti 51 B, Triq Abela, Santa Venera, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 388977 (M).

U Domenic sant, ta’ 21 sena, bin Carmelo u Josephine nee’ Cutajar, imwieled Pieta’ fl-1 ta’ Gunju, 1980, u residenti 51 B, triq abela, Santa Venera, detentur ta’ karta ta’ l-identita bin-numru 265480 (M).

Talli:

F’dawn il-Gzejjer b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zmienijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b’rizolozzjoni wahda, u cioe’:

Talli nhar it-8 ta’ Jannar, 2002, ghall-habta tas-1.00am, fil-Marsa, bil-hsieb li jwettqu serq mill-fond ‘Red Lion Bar’ sitwat fi Triq is-Salib, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi sgassaw il-bieb ta’ l-imsemmi post liema serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom u liema serq kieku sar kien ikun aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jaccedi l-elf lira (Lm1,000).

Talli nhar it-8 ta’ Jannar, 2002, ghall-habta tas-1.30am, f’Haz-zebbug, bil-hsieb li jwettqu serq mill-fond ‘Lourdes Store’ numru 78 sitwat fi Triq is-Siggiewi, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi sgassaw il-bieb tal-imsemmi post liema serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom u liema serq kieku sar kien ikun aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jaccedi l-elf lira (LM 1,000).

Talli nhar it-8 ta’ Jannar,2002, ghall-habta tas-2.00am, f’Haz-Zebbug, bil-hsieb li jwettqu serq mill-fond ‘Cortis Needles and Pins Shop’ sitwat fi Triq Santa Marija, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi sgassaw il-bieb ta’ l-imsemmi fond liema serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom u liema serq kieku sar

kien ikun aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jaccedi l-elf lira (LM1,000).

Issibhom hatja.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali

Rat li fis-seduta ta’ llum l-akkuzati ammettew l-akkuzi migjuba kontrihom.

Issibhom hatja.

Rat l-art 261, 263, 270, 267, 41, 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 28 A tal-istess Kapitolu.

Tiddeciedi li tapplika l-ahhar imsemmi artikolu stante il-kondotta nadifa ta’ l-akkuzati.

Ghalhekk tikkundanna lil-akkuzati sitt xhur prigunerija liema sentenza ma tiholx fis-sehh hlief jekk l-akkuzati jaghmlu reat iehor soggett ghal-prigunerija fi zmien sentejn mill-llum. Il-Qorti qed tfiser lil-akkuzati r-responsabiltajiet taghhom skond l-artikolu 28A u 28B tal-Kap.9.

(ft) Dr Joseph Cassar
MAGISTRAT

Vera kopja M. Mifsud, BA
Deputat Registratur